# FIURI U UARD LI MA JINTEMMX

## IMKGHIED FUK IL KABAR

TAL

## REVMU. ARCIPRIET

tàl Insigni Culleggiàtà tàl Islà

# D. FRANGISCH BRIFFA

TLETIN JUM UARA IL MEUT HELUA TIGHU

FOST IL KIMA UNIVERSALI LI FLIMCHIEN MAL CLERU

TAUH COLLHA CHEMM HUMA ULIEDU


MIL PATRI LUIGI ATTARD O. F. M.

*Lettur Giubilat fis-S. Teologia*


***FIT-23 TA MEJJU 1908***




MALTA

Stamperia ta G. MUSCAT, 213, Str. S. Ursola, Valletta.

1908.

85.11

# FIURI U UARD LI MA JINTEMMX

## IMKGHIED FUK IL KABAR

TAL

## REVMU. ARCIPRIET

tàl Insigni Culleggiatà tàl Islà

# D. FRANGISCH BRIFFA

TLETIN JUM UARA IL MEUT HELUA TIGHU

FOST IL KIMA UNIVERSALI LI FLIMCHIEN MAL CLERU

TAUH COLLHA CHEMM HUMA ULIEDU

MIL PATRI LUIGI ATTARD O. F. M.

*Lettur Giubilat fis-S. Teologia*

**FIT-23 TA MEJJU 1908**



MALTA

Stamperia ta G. Muscat, 213, Str. S. Ursola, Valletta.

—

1908.

*In pace in idipsum dormiam et requiescam.*
PSAL. IV, 9.

F'leila uaħda mimlia bid-duejjak il Profeta Reali imdauuar minn ghedeuua rebbiħin mill banda il uaħda, u minn ħbieb kalbhom maktugha mill banda l'oħra b'kalb imarrħra fid-dulur u fil uakt stess f'tama l'izied cbira hua mar icanta innu l'izied ħelu l'Alla! Fuk l'arpa profetica tighu hua mar jintona talba ta l'actar cbira fidi f'Alla; talba ta imħabba u ta maħfra ghal ghedeuua tighu; talba ta l'izied cbir curaġġ ghal ħbiebu: u il paci nizlet helua fuk ir-ruħ ghajjena tighu; u il Profeta strieħ minn ghair l'ebda inquiet: *In pace in idipsum dormiam et requiescam.* Il ghaliex? Ghaliex Alla chien kauuieh bl'actar cbira tama: *Quoniam tu Domine singulariter in spe constituisti me.*

Mhux lè imdejjak u ghajjen mill hajja ghaliex chien ghadu fl'aħiar tighu, u l'ankas il ghaliex imfarraċ mid-duejjak li ma jinfirdux mill hajja, ghax daun chienu jiffurmau il ghaxka ta kalbu, izda ghaliex hua chien già denn li imur igheix fis-sema il maħbub Arcipriet ta dina il celebri Culleggiata D. FRANGISCH BRIFFA mar jistrieh, u jistrieh ghal dejjem

mid-dinja ! Hua strieh ; mhux lè imdauuar bil ghedeuua ghax ghedeuua bir-ragiun ma satax icollu ; izda imdauuar bl'attenzioni ta ħbieb gheziez, b'sinjali l'izied ciari ta l'actar cbira kima, b'nichet liema bħalu ghat-telfa tighu ; mhux biss minn ommu, minn ħutu u min-nies ta daru, ghax hia ħagia ciara li chellhom iħobbuħ daks id-daul ta ghaineihom ghal cbar virtù tighu ; izda ucoll minn collha chemm hia edina il belt, minn collu chemm hu in-Naxxar, fein ghal zmien tuil hua dam Raghai mimli bil ħrara ghal merħla tighu ; minn collha chemm huma il ħbieb tighu, li fih chienu jarau b'ghageb dac it-tesor ta Sacerdot li hua chien. Il kasir zmien tal ħajja tighu, li hu ghadda fil gharak u fil hedma fil ghalka t'Alla, ghadda bħala berka, fil uakt li hu chien fl'aħiar zmien ta ħajtu ! Hua tasseu li marda l'izied chiefra chienet dlonc temmietu ; hua tasseu li il ħrara li chienet tiddivoralu kalbu ghal gieħ t'Alla, u ghal gid tal eruieħ chienu ftit u xein iġghaluħ jiccura ruħu ; hua tasseu ghaldakstant li dana collhu chien jedded minn mument ghall'ieħor din is-sigha hecc ħarxia ; ma dan collhu dina is-sigha fatali chienet ghall'uliedu ghal ħbiebu bħala ħolma l'izied dulurusa li ġghalet jixxerred tant dmuħ ghat-telfa ta Raghaj hecc esemplari, li fil uakt li mil banda il uaħda chien mimli bil kauua u jecc tridu bil killa, biex ichexchex lil dauc il ulied tighu li chienu jidru ftit devoti, irreligiusi, indifferenti ; hecc ucoll mill banda l'oħra chien mimli bl'imħabba ghal dauca collha, li leih chienu jimorru, u bi ħleuua liema bħala chien leih jiġbidom, sabiex m'Alla jorbotom. Mill parti tighu imbaghad, hua bħala is-serv fidil li hu dejjem attent, dejjem uiekaf u imkajjem ghal leħen ta Sinjur tighu, Hua chien jittenna b'fidi l'izied kauuia dic is-sigha li fiha imur isejjaħlu, sabiex jippremiah ghall ħedma tighu. Ghalecc chien imur itenni ta sicuit

mall'istess Profeta: *Quis mihi dabit pennas ut columbae, et volabo et requiescam?* (1) Min jatini il ġuienaħ sabiex bħala ħamiema innocenti jen nittajjar lein is-sema, u insib hemm il mistrieħ tighi? Dic l'aħħar sigha ta biza li tchexchex, li cullħatt, ma chellix lilhu tchexchex; izda chienet ghalih ta tama liema bħala u ta mistrieħ: *In pace in idipsum dormiam et requiescam. Requiescam* ghaliex Alla mar iuetku fit-tama tas-sema; tama li fih sgur ma chienitċ presunzioni: chella fundament cert fil ghamil tal ħajja tighu collha chemm hi; ħajja ta Sacerdot l'izied esemplari, ta Raghaj l'izied zelanti: Sacerdot u Raghaj li l'Alla biss chellu fuk il ħsiebijet collha ta moħħu; l'Alla fic-centru ta kalbu: u b'din il ħrara li chienet tħeggiġlu kalbu hu ma chien iħares lein uiċċ ħatt, ħlief lein il cmand tal cuxienza u tad-dover. *In pace in idipsum dormiam et requiescam.*

Dakket dic is-sigha ta biza u fl'istess uakt ta ferħ ghall'Arcipriet D. Frangisch Briffa; u fil 24 tax-xahar li ghadda, fil ghaxra u nofs ta filghodu; ir-ruħ tighu sbeiħa ħalliet dana il uied tad-dmuħ, biex tit-tajjar fil ħdan t'Alla!... Chienet seuua seu is-sigha ta uara nofs in-nhar ta dic l'istess giurnata li jen uara id-dmirijet tal communità tlait fic-cella tighi u minn hemmec smait il kniepel ta dina il Culleggiata li bil leħen ta mrar u ta duejjak chienu flimchien ma dan il populu jibcu it-telfa tal missier maħbub tighu! F'dicment jen ħasseit kalbi takbez geuua sidri; u ma staiċ naghmel ieħor, li demha ma inxerritċ minn ghainejja ghal ħsieb li gieni f'moħħi; ħsieb li chien bil bosta veru, li il ħabib l'izied intimu tighi, l'Arcipriet Briffa hua ħalliena, u ħalliena ghal dejjem! Allura uaħda uara l'oħra geu kuddiem għainejja, bħala visioni l'izied ħelua; u il ġranet li ghaddeina flim-

---

(1) Psalm. LIV.

chien hemmec fil Parroccia tan-Naxxar, fein hua chemm il darba sejjaħli biex n'amministra is sacrament tal Krar, u insamma lil dac il populu il chelma t'Alla ; ghaddeu kuddiem ghainejja il conversazionijet l'izied intimi li chienu ighaddu ghal ġranet sħaħ beinietna ; conversazionijet fein jeu bħala geuua mera cont nara l'intelligenza tas-Sacerdot Briffa li ma chienitx xein scarsa ; il ħsiebijet taibin tighu ; il ħrara ta kalbu ; il proponimenti l'izied kauuia tighu ; id-disprezz tad-dinja u tas-seguaci taħħa ; geu kuddiem ghainejja dauc is-sighat li chien jigi fic-cella tighi, u dan ta spiss, u chien donnu ma iridx jinfired minnhi ; u f'dauna ic-circustanzi collha jen dejjem rait fieħ il mudel tal veru Ministru t'Alla.

Ghaldakstant, insara devoti, li geitu f'dan it-tempiu imkaddes, f'dan it tempiu li raħ jittghammed, li raħ tfajjel tant devot iservi lill'Altar ; li raħ giuvni chiericu esempiu ta dauc il virtù li già chienu juruħ x'Sacerdot kaddis chellu giurnata icun; f'dana it-tempiu li raħ leuuel darba jitla l'Altar imkaddes,u imbaghd chellu jaraħ Raghaj ta dan il populu; Intom, ja Insara devoti, li illum uara tletin giurnata tal meut tighu, ridtu mill ġdid tatu sinjal ta ħima u ta imħabba lil mejjet Arcipriet taghcom D. Frangisch Briffa ; li ridtu taħtru lili, biex ngheid ftit cliem fuk il virtù tighu, taħsbux li jen kieghed incabbar jeu inzid f'cull ma ghedt, u f'cull ma irrid ngheid: lè jen inħalli lil kalbi titchellem ueħida, ghaliex jen persuas li chiecu Alla chien jippermetti, li jicciarrat dac il velu li ghatta tant virtù li huma zeinuħ f'haitu, chiecu tcunu sguri intom ucoll, li cull ma ngheid jen xein ma hu ħdein il cbar meriti tighu.

Imma x'jen ngheid ? intom taituħ prova bizzejjed cbira tall'imħabba li contu igibulu, imħabba li hu immerita bil virtù tighu. Malli diffatti gharaftu il

ment tighu ; dina il belt kamet bħala bniedem uiħed ; sinjali ta luttu cittadin dehru mal buieb, fuk il biut u ma cullimchien ; accompanjament l'izied sabieħ uasslu sa dina il Culleggiata ; il belt collha chemm hi ingiabret haun kuddiemu biex tatiħ l'aħħar sinjal tà kima ; in-Naxxar bi ħġaru giè haunec ucoll inaghkad maghcom bl'istess devozioni. L'Arcipriet D. Frangisch Briffa ma chellux bzon ta uard u ta fiuri fuk it-tebut tighu : il uard u il fiuri chienu tant klub ħajjin li ureu bic-ciar liema imħabba chienu igibulu. Ippermettuli ghaldakstant li jen infisser biss dauna is-sentimenti : u nuricom li huma ma ifissrux ħagia oħra ħlief li l'Arcipriet D. Frangisch Briffa chien il veru Sacerdot, il veru Raghaj scond il kalb t'Alla.

* * *

Fil uakt li haun Malta stess, f'din il gzira li tissejjaħ Cattolica fuk il pajjisi l'oħra collha ma hiex ħagia rari li aħna nisimghu ilsien l'izied xellerat, li ikaskas, minghair l'ebda ħniena fuk il kassisin, bħala bnedmin l'izied interessati, li jittradixxu il ministeru imkaddes taħħom, li isserveu bl'ufficii sacri bħala negoziu ; hia ħagia bil bosta ħelua ghal kalb tighi li illum immur n'ippresenta l'is-società moderna mudell ta Sacerdot, li gharaf dejjem izomm ir-ruħ tighu mirfugha fil Crucifiss, u mil Crucifiss jeħu dac il curaġġ li chellhu ikaddsu, il kauua li biha ta ruħu collhu chemm hu ghal Chnisia, u ghal merħla tighu : sabiex dauna it-talin jittaghlmu darba ghal dejjem, li jecc jinsabu, erba fil mija, minn dauc is-sacerdoti li huma tradituri tal ministeru taħħom, tinsab ucoll cotra cbira ta dauc illi iccorrispondu perfettament bil ħajja taħħom kaddisa ghal cbira dinjità li ghandom. Itaghlmu irrispettau qualità ta persuni li jixirkilhom ghal ħafna ragiunijet cull kima u cull rispett ghalchemm cull tiġrif u difett jista jinsab f'bosta minnhom, li fl'aħħar

mill'aħħar ma humiex xi Angeli nizlin mis-sema, izda bnedmin li jistghu jizbaljau bħal cull bniedem tad-dinja.

Il mudel li jen inkghied kuddiem il ghainein taz-zmenietna icun il Arcipriet D. Frangisch Briffa, li ftit ġranet ilu nizel fil kabar bħala vittima, nista ngheid, tal ministeru tighu. Fil ħajja tighu titghallem id-dinja il ħajja pura u semplici tal Nisrani; il ħajja sabieħa tall'Apostolat Cattolicu; il ħajja tas-sacrificiu perfett tighu innifsu; u minn din il ħajja titghallem ucoll tirrispetta dic ir-religion li gharfet teducaħ ghall'opri hecc nobili u sublimi.

Imuieled f'edina il belt fil 11 t'April 1862 minn Giuseppi Briffa u Marianna Schembri, capiet ta familja li, bħalma cullħatt jaf, ma setoughx jatu lil maħbub Arcipriet taghna, gid, hena, u nobiltà tad-dinja; izda gharfu jatuh taghlim ta sentimenti l'izied nobili ta ħajja Nisrania. Il familja ta Briffa, u dan ngheiduħ ucoll ghal gloria tighu, ma chienitċ minn dauc li bħalma haun bosta fiz-zmienitna, li minn fil ghodu sa filghaxia ma jaħsbux f'ħagia oħra ħlief chif icattru il gid materiali tad-dinja; chif izeinhu lil uliedom bil lussu u bil vanità u f'capricci oħra, biex fil concorrenza, li hia moda, ighaddu lil ħattiħor. Lè il familja ta Briffa hia uaħda minn dauc il familji antichi, fein il omm u il missier huma bħala xbia tal jedd ta missier li Alla ghandu fuk il ħlejjak tighu; familja fein il ulied huma marbutin beinithom u mal genituri taħħom b'rapta l'izied stretta ta imħabba, li jafu jatu ruħom collha chemm hi il ħajja taħħom ghall'imħabba tal genituri, f'chelma uaħda familja fein ir-Religion ta Gesù Cristu hia l'Angelu li imexxi id-dar. Ghalecc xein ma nistaghġbu, biex ma nitchelmux fuk l'oħrain, li dina l'istess familja barra mill maħbub Arcipriet taghna marret tati denn Ministru ieħor tal Chnisia; Sacerdot ucoll bil bosta zelanti mictub fil gloriusa Compagnia ta Gesù.

Ghaldakstant il ħajja tac-ċcheichen taghna Franciscu, chienet bħala blanzun li jibda jinfetaħ u juri il uerak tal uarda li jaghlak fiħ, blanzun imuakkaf bil ferha tighu fuk ix-xitla fil uakt li iddauuar ghaineiħ, biex ngheid hecc, lein ix-xemx. Hecc hua ċcheichen minn fuk ħdan ommu chien ta sicuit jiftaħ xufteiħ u izied kalbu lein Alla xemx ta cull daul, u bil orazioni jitolbu li jurieħ liema hia it-triek li ghandu fiha jimxi biex tuasslu is-sema. Mita imbaghd hua tfarfar ftit fl'età, il ħajja tighu chienet il cnisia u l'iscola. L'istudiu li jifforma il vera zina tal bniedem chien il ghaxka tighu. Ah! jitchelmu issurmastriet tighu, jitchelmu il Professuri tal Liceo taghna, u jgheidulna liema chienu il progressi li ghamel hua fil cors collhu tal-letteratura, tal arti, tal Filosofia li hu hemmec compla. Gheidulna liema chienet l'innocenza tal giuventuria tighu, u chif chien hu jilħak id-dmir minn tighu!... Ghad li ghal hniena t'Alla s'issa il Liceo ta Malta, hua mill'aħiar ghal disciplina severa li hemm tirrenja, u izied ucoll ghal principii sodi tar-Religion; ma dan collhu min ma jafx li ghal cotra ta giuventur li hemm jiltakghau, ghall'età li fiha id-demm jaghli fil vini tal bniedem, età fein il passionijet huma tant kauuijin, il vizii tant frequenti, min ma jafx li ghal bosta li schejjel u il licei huma ir-rovina spirituali taħħom? min ma jammirax jecc il giuventur tal cleru taghna li jiffrequentau l'istess liceo, jiddu bis-severità tal costumi, tal modestia, contrapposta ghal libertà ta bosta minn sħabhom ta l'iscola? Min ma chellux jistaghgeb izied u izied mil virtù tal giuvni Frangiscu Briffa, li, chif jixdu sħabu, deher singulari fil virtù fostom il coll?

Sa dan tant Alla l'imbierec, già minn ċcunitu riedu ghaliħ; già minn ċcunitu ispiralhu sentiment ta disprezz tad-dinja; u imħabba l'izied kauuia ghas-Sacerdoziu. Il vocazioni ta Frangiscu giet mis-sema,

u mhux minn ommu u minn missieru, u izied inkas mill benefiziu. Il ħajja sacerdotali tighu turina bic-ciar chif il vocazioni tighu chienet vera u soda. Chienet vera ; ghaliex imnissla biss mill'imħabba t' Alla, mill' imħabba ucoll l' izied ħanina ghall'eruieħ mifdijin bid-demm ta Gesù Cristu : chienet soda ; ghaliex mifruda ghal collox mil ħuejjeġ u mil piaciri tad-dinja, u marret tkighed taħt riġleigha cull ma jaghxxak is sensi: soddisfatta biss, bħal dic tall'Apostulu Paulu, li taħli il ħajja collha chemm hi fis-servitù ta Gesù Cristu: chienet fl'aħħarnett vocazioni sgura; li ghaliex accompanjata minn dauc il virtù li huma meħtigin uisk fis-Sacerdot, u imkeghda ghal collox taħt il fehma ta dauc il bnedmin li fuk l'art, keghdin minn floc Alla, u li ghandom il jedd li jarfuha.

Harsu leih fl'aħħarnett imlibbes bis-suttana clericali, iccurunat bit-Tonsura imkadsa, mictub fil Cleru ta din il Culleggiata. Min jista igheid t'liema zelu hua daħal bein dauna il ħitan imkadsa, biex jesercita leuuel ordniet tal Cnisia? Min ifisser id-devozioni ta din ir-ruħ, li ħatret l'Alla b'seghma: *Dominus pars haereditatis meae*? (1) Umili minghair affettazioni, sod minghair tant complimenti, dejjem xorta uaħda ma cullħatt : saħansitra minn dac iz-zmien hua gharaf jakkad flimchien il ħsiebijet u il ghamil tighu b'mod tali, li dejjem jidher b'uiċċ uiħed ma cullħatt. Id-devozioni tighu ma chienitċ ħagia ta mument li tibda u tispiccia f'dakka uaħda ; ma chienitċ ticconsisti biss fit-turia ; ma chienitċ ticcontenta fic-ciait ; ma chienitċ bħal dic li speci ta devozioni ta bosta, li trid taghmel bosta ħuejjeġ ghall'Alla, taħseb bosta u ma taghmel xein ; devozioni li ghal leuuel taghggeb bil ħrara taħħa ; imbaghd tgheib meta tigi ghal prova. Chienet devozioni vera u perfetta. Chienet devozioni,

(1) Psalm. XV-5.

li giet mn'Alla, u li hua ħass dejjem geuua kalbu, u li iccorrisponda perfettament ghaliha. Chienet f'chelma uaħda, devozioni li giaghlitu fuk l'orazionijet collha fuk il pratichi particulari tal pietà, ikieghed leuuelnett id-doveri tighu, bħalma huma id-doveri tall'istudiu, li ghandu icun it-tizijina tas Sacerdoti, devozioni ghal dover li giaghlitu jaddi tant il kuddiem fit-Teologia li hua compla fis-Seminariu; li giaghlitu jidher singulari specialment fit-Teologia Morali u fit-Dritto Canonico, zeuġ xienzi li hua tant ħabb; progressi li giaghluħ jmmerita bħala premiu l'ordini tas-Suddiacunat minghair lebda esami: devozioni soda chienet din li tirriguarda principalment id-doveri tal stat, u taccompanjaħom dejjem mal presenza t'Alla.

Oh! li cont nista inpingiulcom fil ħai, lilhu allurmeta uassal biex jircievi l'ordni sacru tas Suddiaconat impingiulcom fil uakt li kieghed gharcubteiħ kuddiem l'Altar tal Madonna u jitloba biex takghlelhu il grazij necessarij biex jintrabat dejjem m'Alla perfettament; impingiulcom mimli bil biza mita jaghraf ix-xein tighu, u fil uakt stess b'tama cbira f'Alla, li chien cert li chellu jassistiħ.

Lè la tibżax, o giuvni Levita! Inti katt ma tamait fic in-nifsec! Inti ittamait dejjem f'Alla biss li ghaliħ sejjaħlec: u ghalecc katt ma jista icun li inti tcun confundut. L'Angelu ta dina id-diocesi li allura chien l'Amministratur Apostolicu Mons. Antonio M. Buħagiar, bniedem li hecc ma chienx imzejjen b'gherf cbir, chien imzejjen b'sens l'izied pratticu biex jaghraf il bnedmin, hua mar bosta drabi icconfermac fil vocazioni divina tighec, hua ħabbec tant, li ried ikeghdec bħala esempiu fuk il Chierici ta dina il Culleggiata, u ghamlec prefett taħħom. La tibżax, ghaliex inti ma tħaltċ bħala ħalliel mit-tieka fis-santuariu tal Cnisia; imma tħalt mill bieb, li hua Cristu, u dan iuasslec ghal tmiem glorius! F'kalbec ghandec

mixghoula il fiamma tall'imħabba t'Alla ; f'moħħoc tiddi l'innocenza u il fidi. Lè la tibzax ; inti ureit bil condotta tighec s'issa li is-Sacerdot barra minn kaddis, ghandu icun ucoll gharef, ghax il kdusia minghair gherf fiħ ma tisua xein ; icun suldat li irid iccumbatti minghair armi ; ghalec il cotba chienu dejjem il ghaxka tighec, il ħbieb l'izied ghezies li inti chellec. Inti katt ma tghazzint fuk il banc ta l'iscola ; is-suttana ma suitlecx biex tcun tarca tal għass u tal injuranza ; izda chienet fukec, bħalma imissa tcun fuk cullħatt, simbulu tal gherf u tax-xienza: *Labia Sacerdotis costodient scientiam* (1).

Lè la tibzax, o giuvni Levita, inti già int suldat, mhux biss mimli bil ħila li fis-Sacerdot hia il kdusia tal ħajja ; imma ucoll suldat armat seuua ghal guerra contra il vizij tad-dinja, li hia il missioni principali tas-Sacerdot Cattolicu. Dauna l'armi jatuc kauua bizzejjed biex inti tiftaħ l'intelligenza u il klub tal bnedmin biex tarrafhom il misterij tal ħajja tal bniedem, il bidu, it-tmiem u id-destini tighu ; il misterij t'Alla u tal Religion ; id-dmirijet bein il bniedem u Alla; u id-dmirijet tal bniedem mighou in-nifsu, u mal proxxmu tighu ; tal bniedem mighou in-nifsu, mal familja, mas-società: inti imzejjen b'dauc l'armi collha li jinħtiegiu biex tcompli fedelment il missioni divina tighec: ghalecc la tibzax, itla bil curaġġ l'Altar imkaddes offri l'Alla is-sacrificiu minghair teghba; il gisem tal ħaruf t'Alla jinzel bil ferħ geuua fommoc ; id-demm ghazis tighu icconsacra id-demm tighec! Alla ghad jitchellem bil ilsienec, u il chelma tighec tfisser maħfra tad-dnubiet paci tal kalb, imperu u cmand fuk l'eruieħ !...

Uaslet fl'aħħarnett dic il giurnata li hua jitla ghall'euuel darba fuk l'altar imkaddes. Giè ordnat

(1) Malach II-7.

Sacerdot fis-19 ta Decembru 1884 mita chellhu biss 22 sena u 5 xhur ! Issa D. Frangisch Briffa sar bniedem iħor ! Gesù li nizel f'ideiħ ghall'euuel darba vittima minghair demm ha pussess tal ħsiebijet ta moħħu, tax-xeukat ta kalbu, ta collha chemm huma il forzi tighu. Prova ta dan hua l'Istitut ta l'educazioni cattolica minnhu iffundat f'dina il belt. Jidrilcom li dina hia opera ċcheicna ? Izda min ma jafx li is-società, il familja, hia bħala bniedem uiħed, ghaliex ma hix ħagia oħra ħlief ghakda u giabra ta bnedmin imghakdin beinithom ghal xi fini comuni ? Min ma jafx li tant hia il familja, u is-società daks chemm huma il bnedmin li iffurmauha ? Min ma jafx ucoll illi l'educazioni, u b'mod particulari l'educazioni religiusa hia dic li tifforma il bniedem ? li tbiddlu u minn animal taghmlu Anġlu tas-sema ? min ma jafx li dauc il principij li il bniedem jixrob fit-tfulia tighu, li jitbiddlu f'demmu ; huma ucoll dauc li il biccia il cbira iuassluħ sal kabar ? Ah ! impossibili li il bniedem mita hua jicber, ghalavolja jintaka ma compannja ħazina, isib ruħu fil periculi, jintelak ghal viziu, fil momenti l'izied solenni ta schiet, u ta ħsieb, ma jiftacarx dauc il principij taiba li hua tghallem fi tfulithu impossibili illi ma tiddix f'moħħu dic il felicità li hua chien gauda f'dac l'istat tal innocenza ! *Adolescens juxta viam suam etiam cum senuerit non recedet ab ea* (1).

Gharaf dan collhu, f'dakka ta ghain, is-Sacerdot novell D. Frangisch Briffa u medd ideiħ malair ghal dina l'opra imkaddsa. Id-demoniu, bħalma hua solitu jaghmel ghal qualunque opra taiba, u dana appuntu hua sinjal ciar li din l'opra tcun gejja mis-sema; id-demoniu, chif ghedt, mar inkankal contra dina l'opra l'infern collhu. Izda il kauua tal fehma tas-

(1) Prov. XXII-6.

Sacerdot Briffa, il fidua li hu chellu f'Alla, il ghainuna li tah l'imsemmi Mons. Amministratur Apostolicu Buħagiar giaghluħ jaghleb collha chemm huma id-difficoltaijet, u l'opra tighu illum narauha imzeina b'dac it-tmiem felici li cullħatt jaf. Izda barra minn dauna il guerer u taktieħ ta kalb, ghal dina l'opra stess chemm ma chellux ibati ucoll tbatia temporali? Hua chellhu jarma u isarma l'Oratoriu tal Purificazioni, fein giè imuakkaf dana l'istitut, sa chemm dam Direttur tighu, hua jaghmel l'officiu ta servient, ghax ma chellux mezzi biex iħallas servienti seculari.

Dam ma duar 16 il sena Direttur ta dana l'Istitut, u Alla biss jista jaghraf il meriti ta dana leuuel Apostolat tighu. Oh! chemm chienet ħagia ħelua, mita cont tmur taraħ imdauuar ma dauc ittfal, li il cotra cbira huma ta l'izied baxxa condizioni, u li ma jafux jatu kima oħra, ħlief il kima ta dic l'età, li fiha il bniedem ma ghandux quiet ma jafx jaħseb, izda icun donnu macna li trid tixcatta. Harsu leiħ collhu mimli bil pazienza, bil ħleuua jaddi il ġranet sħaħ f'dac l'ufficiu ta duejjak liema bħalhom, cull tant mat-taghlim iħallat xi storia biex jixbet l'attenzioni ta dauc iċċcheicnin li dejjem chienu jobduħ bħalma l'ulied jobdu il missierohm. Fiħ it-tfal ma chienux jarau tant il kassis li kieghed jallimom daks chemm il ħabib li hua tant iħobbhom u jixtiekom taibin: *Venite filii, audite me; timorem Domini docebo vos* (1).

Izda il ghalka destinata ghalieħ mn'Alla, biex juri collhu chemm hu iz-zelu sacerdotali tighu, chienet appuntu il Parroċċa tan Naxxar.

Chienet seuua seu il giurnata 5 ta Decembru 1890 mita l'Illmu. u Revmu. Mons. Salvatore Grech, f'dac iz-zmien Secretariu tall'Arcis. Iskof ta Malta u

(1) Psalm. XXXIII-11.

illum degnissimu Vicariu General ta dina id-diocesi chitiblu daun il precisi chelmiet, li jen ingib fil Malti milli stess ittra tighu, chelmiet li jiffurmau l'isbaħ tifħir li nistghu natuħ. "Ghandi il piacir, mar jictiblu, li natic il pxara taiba, illi l'Ecc. Revmu. Mons Arciskof, Iskof uara l'isbaħ esitu li int otteneit fl'aħħar concorsi, ghal Parroċċa vacanti tan-Naxxar, mar jaħtar lilec fost l'oħrain ghal dic il Parroċċa." Minn dauna il chelmiet jidher bic-ciar chemm chien splendidu il concors li taha. Hu zamm dina il Parroċċa, ma duar 12 il sena: tnax il sena ta gharak, ta ħeddma, ta tbatiet, ta ghauċ, u xi minn dakkiet ta tnassis, xchiel u imrar l'izied cbir ucoll. Tnax il sena ta mrar, li chien hemm bzon seu seu is sider ta l'azzar li hua chellhu biex jaghleb id difficultaijet li fihom sab ruħu. In-Naxxarin mita rau il maniera ħelua tighu, u fil uakt stess l'imgiba l'izied severa, u fuk collox iz-zelu ghas-salvazioni tal eruieħ; salvazioni li hu chien ifittex bil mezzi collha possibili, anchi bittelf ta l'interessi tighu persunali huma bdeu iħobbuħ bħala l'akua ħabib u cunsilier taħħom: u irħeu ruħom collha f'ideiħ, bħalma Hu mill banda l'oħra ta ruħu collhu chemm hu ghalihom: *Dilectus Deo et hominibus* (1).

Il Cappillan Cattolicu, irrid ngheid jen, is-Sacerdot li ghandu cura ta cull jum tall'eruieħ; ghandu icun xbia l'izied perfetta ta Gesù Cristu: ta dac Gesù li ħalla l'omm maħbuba tighu u id-dar ta Nazaret, biex jati ruħu ghal populu; ta dac Gesù li bil chelma divina tighu mar iuettak is-saltna t'Alla fuk l'art; ta dac Gesù li ghadda minn cullimchien b'ex ifarraġ il gid fuk cullħatt: *pertransiit bene faciendo* (2). Hecc ucoll il Cappillan hua il missier, hua il ħabib hua il ghas-

---

(1) Eccl. XLV-1.
(2) Act. X-38.

sies tall'eruieħ li ghandu jisrak lill'Infern, biex jatihom il Genna; li ghandu jiggvernahom bil cunsill, jiddefendihom bl'imħabba. Il Cappillan hua il cap tal familja, li leiħ ħia tħares, fih tgheix, u tgheix il ħajja vera, dic il ħajja li titnissel mil verità li hua jippredica, mis-sacramenti li hu jamministra. Ghaldakstant daun huma id-dmirijet stretti tal Cappillan: predicazioni continua tal chelma t'Alla; amministrazioni tas Sacramenti: ħsieb tal fkar u tal morda izied ucol mita il ghaks ikighed fil periculu ir-ruħ.

D. Frangisch Briffa tant fit-tnax il sena li hua dam Cappillan in-Naxxar, chemm ucoll fis seba snin li hua dam Arcipriet f'din l'insigni Culleggiata, fein uara il concors ta Novembru ta 1902 hua giè imsejjaħ: katt ma nakas, li ma compliex bl'izied cbira perfezioni u scrupulu dauna id-dmirijet tighu. Il chelma t'Alla chienet l'arma tighu potenti; il chelma ta Alla mhux tal bniedem li tistama u tmut; imma dic li tibka imuaħħla fil klub, li tnissel il virtù u il ħajja ta dejjem fil eruieħ: Hua ħa f'ideih din ixxabla b'zeuġ xfafar iccombatta biha il viziu, u ħa vittoria. Il predicazioni tighu, u dan nixdu jen li smaitu, ma chienitċ ticconsisti fil uerak u fil fiuri, ma fissustanza: chienet semplici, piana u facili li tmiss il klub, li tuassal fuk cullħatt. U biex dejjem iħajjar izied u izied il populu biex jiġbidhom ghal chelma t'Alla, tant haun chemm in Naxxar hu mar jaħtar l'aħiar predicaturi li ghandna f'Malta, ghalavolja imur fin-nofs butu. Ma chienx xein xħieħ fein jitħol il gid tal eruieħ. Fïa hua chellħu tama cbira li xein ma tixrakli, u chien is-sejjaħli in Naxxar spiss; u jen cont immur bil kalb, ghax trid u ma tridċ chien icolloc tingibed, mill ħleuua tighu u tal familja tighu! Ghaldakstant dan li kighed ngheid nixdu jen stess. Xi ngheidu imbaghd ghas-sacrament tal krar? Chien jonfok minghair lebda rekka

biex igib cunfessuri barranin, biex il populu icollu il comodità collha. Is-sena l'oħra stess hua nefak izied minn ħames liri ghal dana il fini. Hua stess chien katt ma jigheda mil confessionariu, specialment kabel ma marad, fiħ chien isib it-tron, u il cathedra, u it-bunal tighu biex jiggiudica mill'eruieħ. Abili biex ifittex il piaghi l'izied kodma, ma chienx xein inkas capaci biex jiccurahom, pront biex irazzan il passionijet l'izied kauuia, u igighel lil bnedmin l'izied ħorox biex iciedu, kuddiem il bzonn cbir li ghandu il bniedem illi jirbaħ lilhu in-nifsu jecc irid isalva: *regnum coelorum vim patitur et violenti rapiunt illud?* (1) Daks chemm chien ħanin ma min jisbalja ghad-debolezza: dakstant chien aħrax, iva aħrax bil ħakk chien, ma min chien iuebbes kalbu fil ħazen. Ma chienx tabib ta cura uaħda: imma issa irħi, issa izomm; issa jorbot issa iħoll, scond il marda tar-ruħ. Le ħatt; zghar u cbar; nisa u irgiel; ta cull stat u condizioni, ħatt ma kaghad ghal consilji tighu u chellhu jindemm.

It tempiu materiali, chif tcanta il Cnisia fil festa tal Consecrazioni tal cnejjes, hua xbia ta Gerusalemm celesti: *Coelestis urbs Jerusalem... domus supernae et infimae utrumque junxit angulum.* Ghaldakstant fit-tempiu t'Alla xein ma ghandu jinsab li icun vili, indenn tal maestà tighu. Chemm ma ħademx l'Arcipriet Briffa biex izejjen mill'aħiar dan it-tempiu u dac tan-Naxxar? Hua bħala gharus mimli bl'imħabba li irid jara il gharusa tighu, imlibbsa, imzeina, u isbaħ minn tall'oħrain; hua bli sforzi tighu ipprovda paramenti sacri, zejjen altari, ghamel opri cbar: u intom stess intom xhud, mita f'daun l'aħħar ġranet raituħ, ghalchemm chellu fuku dic il marda kalilha li ma chienitc iggialhu jiflaħ biss izomm fuk riġleiħ, raituħ

(1) Math. XI-12.

jiġbor ghal daun il pilastri ta rħam, bi tbatia bħalma stkar hua stess li forsi reskitlu il meut: *Domine dilexi decorem domus tuae* (1).

Izda barra mit-tempiu materiali, jinsab tempiu iehor ħai; tempiu li izied kighed fil kalb ta Gesù Cristu, ghax hu mar ighid li cull ma naghmlu f'dan it-tempiu incunu ghalmilniħ lilhu stess: *quod uni ex minimis meis fecistis, mihi fecistis*: (2) u dana it-tempiu huma il fkar u il morda. Jecc dana id-dmir li nghei-nu il fokra u il morda irriguarda il cullħatt izied u izied hua jobbliga li Raghajja tall'eruieħ. L'Arcipriet D. Frangisch Briffa, ma nakax ghal dana l'obbligu strett li hu chellhu. Certament hu ma chienx jaghmel bħal bosta minn ta daz-zmienijet li igheidu li iħobbu lil proxxmu taħħom u li jecc jatu ħabba imorru idokku it-tromba fil piazza: bħal bosta sinjuri li iridu li il carità tigi eternata fil monumenti ta rħam: lè il carità tighu chienet collha chemm hi evangelica, li ticmanda li il id ix-xellughia ma tcunx taf x'inhi taghmel il-lheminia. Hu chien ighein scond il possi-bilità tighu lil fokra; chien izur ta spiss il morda; u mita xi tempesta chienet tfakka fuk xi familja disgra-ziata, li imutulha il capijet, chien jaħseb biex iddaħ-ħal lill'orfani f'xi Istitut ta beneficenza; chien jaħseb biex ighein l'armla: imma bizzejjed; ma inciartux dac il velu li bieħ ghatta fil misteru il carità li ghamel f'ħaitu. Mil bkia ix-xhieda li tatna il populazioni tan-Naxxar u ta l'Isla, issa fil meut tighu, tipprova xi ħagia riguard ucoll ghal carità tighu...

Eccu, o Chierici, liema chienet il ħajja tall'Arci-priet D. Frangisch Briffa; eccu, o Sacerdoti liema chie-net il virtù sacerdotali tighu: eccu, o populu il ħajja u il virtù ta Raghaj mejjet taghcom! Hajja li chienet miġbura fi ħsieb uiħed; ħsieb li chien spiss itenni:

---

(1) Psalm. XXV-8.—(2) Math. XXV-40.

*fein tithol il cuxienza, ghandu iciedi il bkia* — hsieb li dac l'icbar gharef u l'ictar Sacerdot esemplari li chelna fid-diocesi ta Malta, li chien D. Enricu Caruana mar profondament jistampalu f'kalbu: *oportet obedire magis Deo, quam hominibus.* (1) Hemm bzon nobdu izied l'Alla mill bnedmin.

Haun kabel ma nispiccia irid nirrispondi ghal hsieb li certament gié fil menti ta bosta, li jafu lill'Arcipriet taghna Briffa. Nisthajjel li dauna imorru gheiduli: mela l'Arcipriet D. Frangisch Briffa chien, scond cliemec, bniedem perfett, bniedem bla difetti? Lè; Insara devoti: jen noghbod incabbar il hagia: u hia regula tas-sagra eloquenza, illi fl'orazioni funebri, naharbu chemm nistghou dan l'istess tcabbir, u ma inuakfux id-discors taghna hlief fuk fattijet certi, jeu fuk conseguenzi li bi dritt u bir-ragiun nistghou nigbdu minn dauna.

L'Arcipriet D. Frangisch Briffa iva chellu iddifetti tighu: liema bniedem bla difett? Uhed minn difetti li il Cleru bid-dritt jincianfar fih, chienet dic irrekka li chellu biex jippermetti l'amministrazioni ta xi Sacramenti lil Sacerdoti ohra, ghalavolja denji ta qualunque rispett. Jena dan ma iridc nahfirulu ghal chemm ir-ragiuni sata icollhu. Izda il ghamil tal bniedem altru jidher kuddiem il ghainein tal bnedmin u altru kuddiem il ghainein t'Alla: *Homo videt ea quae parent, Dominus autem intuetur cor.* (2) Hatt ma jista certament igheid, u il hatt jen ma smait igheid, li dan id-difett, chien gei minn xi passioni baxxa ta invidia jeu xi passioni ohra li chienet tbejjet f'kalbu. Lè f'kalb safia bhal dic ta D. Frangisch Briffa ma chienux jinsabu daun il passionijet hecc vili. Dana id-difett chien gei milli scrupuli zeida tighu. Chie-

(1) Act. V-29.
(2) I Reg. XVI-7.

net debolezza li tgholli izied u izied il virtù tighu: debolezza li turiħ bniedem deboli bħal l'oħrain: imma ghalecc hua denn ta min ifaħħru b'tifħir etern ghaliex, ghalchemm chellu dina id debolezza, hua gharaf izejjen ir ruħ tighu b'dauc il virtù li fiħ aħna raina: virtù li ghamluħ Sacerdot l'izied esemplari, Pastur ta l'eruieħ l'izied zelanti, bniedem ta cuxienza l'izied kauuia: li ma cieda katt, kuddiem fehma: li sata igheid ġranet kabel ma miet: *jena cert li ghamilt iddover tighi, li ghamilt u ħdimt, daks chemm stait naħdem.*

Ah! iva inti ħdimt, o ruħ imbierca, u issa uaslet is sigha tal ħlas ghal ħidma tighec! Alla baghtec fl'art bħala angelu biex tħabbar il ħuejjeġ tas-sema, imma Alla ma jippermittix li il Angeli tighou jibkghou ghal bosta zmien fuk il uiċċ ta l'art ghaliex ghandhom jittairu mighu fis-sema! Itħol ghaldakstant o serv fidil fit-tgaudia tas Sinjur tighec: *Serve bone et fidelis, intra in gaudium Domini tui.* (1) Itla fuk ittron li Alla lestilec sa kabel il ħolkien tad dinja: *ante costitutionem mundi.* (2) Ilka il palma tat-trionf etern: inti mort timmeritaha bil gharak ta xbinec, bil virtù tighec, u fuk collox biz-zelu tal fidi tighec, bis-sacrificij cbar tal carità tighec.

Ah iva: intom il coll li keghdin haun tisimghouni morru atu din il pxara hecc ħenia lil ħutu, u izied ucoll lil dic l'omm li hu ħalla hecc imnicta! Lil dic l'omm li ratu jituieled fi ħdana; li ratu jittrabba bħala giliu safi fost ix-xeuc: li ratu leuuel darba jitla fuk l'Altar imkaddes: u dac chien ghaliha jum ta ferħ li katt ma jintesa: jum li taha ħajja oħra; ħagia li illum hia chella troddlu billi tixrob katra, katra il calici tal imrar ghat-telfa tighu! Morru iva gheidula li il maħbub taħħa Frangiscu ma mietċ, izda

(1) Math XXV-21, 23.—(2) Ibid. XXV-34.

hua kighed igheix fil ħdan t'Alla ; fein hua kighed ibierec it-tbatia li hia batiet ghaliħ : ibierec ittrobbia taiba li tatu ; ibierec id-dmuħ li xerded ghaliħ ; Hu kighed itlob ghaliha,ghal ħutu,ghal ħbiebu, ghall'ulied spirituali tighu u kighed iħabbrec biex jaklelhom minn ghand Alla cotra cbira ta grazji, u gid bla tmiem !... Issa leic jen indur, o ħabib l'izied ghazis li chelli ; u bit-tama li ghandi li inti già kighed tgaudi l'Alla ngheidlec mil kieħ ta kalbi: O denn ħaddiem fil ghalka ta Cristu, ixrob issa mix-xmara tal ferħ bla tmiem ; ħares issa fein uassluc il frottijet li inti ġbart fil ħajja ; Oh ! chemm hi ħagia denja li il bniedem isir fkir, jinza minn ħueigiu f'dina l'art ghall'imbabba t'Alla u tal proxxmu la darba ghandu jisthana dakstant fis-sema ! Chemm hi imseicna din il ħajja li int, o maħbub Arcipriet taghna Frangiscu ghaddeit f'din id-dinja, ħdein dic li int issa kighed tgaudi fissema ! Icconsenja issa il ħames talenti, li int ħatt minn ghand Alla, ghax ħamsa oħra int sejjer tircievi ; imma ħamsa li jiffurmau il vera, eterna felicità ! Aħna hauna ilsiera f'dan il uied tad-dmuħ niftacruc dejjem bix-xeuka tal kalb collha taghna ; u mita niftacru fl'esempiu, li inti ħalleitilna, aħna inseiħu l'isem ħelu tighec bħala l'isem ta Sacerdot kaddis, u imbiercu it-tifchira tighec, bħala tifchira ta missier, li iħares lein uliedu mis-sema meta jarahom jiccombattu fuk l'art. Flaħħarnett, ghad li imnicctin ghat-telfa tighec ; nintleu bit-tama uara l'esempi tighec li aħna nistghou giurnata nictbu ucoll fuk il kabar taghna daun il chelmiet, li illum aħna niscolpixxu fuk il kabar tighec, chelmiet li huma il giabra tal ghamil ta ħaitec u ir-ragiuni tal gloria tighec:

" Ma ghandux jitchexchex f'meutu min chien martri tad-dmir tighu f'ħaitu. "

Iscrizionijet li geu mictuba, leuuel uaħda minn Mons. Prof. LUIGI FARRUGIA D.D., Canoncu tal Cattidral u Prelat Domesticu tal Papa, u l'oħrain mill Prof. Sac. D. FRANGISCH SCIBERRAS D.D.

ADESTE . OMNI . EX . ORDINE . CIVES
PACEM . AEVI . AETERNI . ADPRECAMINI
**FRANCISCO . BRIFFA**
HVIVS . AEDIS . CANONICO . ARCHIPRESBYTERO
QVI . SACERDOS . RARISSIMI . EXEMPLI
CVRIONIS . MVNVS . NAVITER . OBIVIT
IN . DIVINO . CVLTV . PROVEHENDO
SINGVLARE . STVDIVM . EXPLICVIT
TEMPLI . DECORI . CONSVLVIT
DE . CHRISTIANA . PVERILI . INSTITVTIONE
ETIAM . VALETVDINE . POSTHABITA
EXIMIE . MERITVS . EST
NVLLI . DEFVIT . CONSILIO . NVLLI . OPERA
DIVTVRNVM . MORBVM
INVICTA . ANIMI . FORTITVDINE . TVLIT
AD . CAELITVM . SEDES . MIGRAVIT
OMNIVM . RELINQVENS . EXEMPLA . VIRTVTVM
CANONICI . CLERVS ET . POPVLVS
COLLEGAE . ET . PASTORI . SVO
DIE . AB . EXITV . XXX . IVSTA . PERSOLVVNT
CVM . LAVDATIONE . ET . LACRIMIS

---

I.

QVIESCIT
DEFATIGATIONE
NON . AETATE
CONFECTVS
MEMORIAM . EIVS
VSVRPABIT
POSTERITAS

II.

DEVS . CLEMENS . MISERICORS
AVDI . PRECES . TVORVM
ET . PARCE . VITA . DEFVNCTO

III.

DEVS . BONORVM . LARGITOR
CAELVM . MERENTI . RECLVDE
ET . LENI . DOLOREM . SUPERSTITVM

IIII.

PATER . OBSERVANTISSIME . AEQVI
IAM . CORPORE . DEPOSITO
ANIMA . IMMORTALIS
EVOLAVISTI
SALVE . ET . VALE
SIMVL . BEATORVM . PATRIAM . INIERIS
RESPICITO . QVOS . MODO . LIQVISTI
CARISSIMOS . FILIOS

---

I.

DIGNVS . MVNERE . SACERDOS

II.

INANIA . RERVM . ASPERNATVS

III.

PIVS . PIETATEM . PROVEXIT

IIII.

TEMPLI . SANCTITATI . ADVIGILAVIT

V.

CONSTITIT . CONSCIVS . RECTI

VI.

PERVICIT . PROPOSITI . TENAX

---

I.

HONESTVM . VTILI . SEMPER . PRAEPOSVIT

II.

MISEROS . OPERA . CONSILIOQ . SOLATVS

III.

EIVS . PAR . VIRTVTI . LABOR

IIII.

LAETVS . DEO . VOCANTI . CESSIT

Nihil obstat ex parte Ordinis
Datum die 29 Maij 1908.
P. SERAPHINUS MARIA SCERRI O.F.M.
*Vic. Custodialis.*

Nihil obstat. Quarto Calendas Junii MCMVIII
ALOISIUS CAN. THEOL. ATTARD
*Cens. Theol.*

Imprimatur. Ex M. Curia die 29 Maii 1908.
S. CAN. GRECH, *Vic. Genlis.*